# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 19 ta' Ottubru 2023**

**Kawza Numru: 30**

**Rikors Guramentat Numru:- 180/2023 JVC**

**Carmelo Grech (K.I. 76540M) u Carmela Grech (K.I. 513146M)**

**vs**

**Sandro Grech (K.I. 402771M) u Ladislava Grech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti prezentat bil-procedura tal-giljottina li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond "Palm Springs", Flat NO. 3, Triq Francesco Ximenez (gja Salina Coast Road), Salina limiti tan-Naxxar, liema fond huma akkwistaw bis-sahha ta' kuntratt ta' komprovendita datat it-13 ta' April 1993 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella;

2. Illi l-intimati qeghdin jokkupaw dan il-fond, ossija appartament numru tlieta (3) hawn fuq deskritt, minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Illi ghalkemm gew interpellati kemm verbalment u kemm bil-miktub sabiex jivvakaw ruhhom minn dan il-fond u jroddu c-cwievet tieghu lura, l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

4. Illi sa fejn jafu r-rikorrenti, l-intimati ma ghandhom l-ebda eccezzjonijiet x'jaghtu jew li jistghu jaghtu kontra t-talbiet taghhom u ghalhekk qeghdin jagixxu b'din il-procedura sommarja specjali ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghalfejn ma ghandix dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

(i) Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ skont l-artikolu 167 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati qeghdin jokkupaw il-fond "Palm Springs", Flat No. 3, Triq Francesco Ximenez (gja Salina Coast Road), Salina limiti tan-Naxxar

proprjeta' tar-rikorrenti minghajr ebda titolu validu fil-ligi; u

(iii) Konsegwentement tordna l-izgumbrament tal-intimati minn dan l-istess fond fi zmien qasir u perentorju li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li huma minn issa nġunti ghas-subizzjoni.

Rat illi din il-kawza nfethet bil-procedura sommarja u l-ewwel talba taqra sabiex din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh fit-terminu tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat illi tevidenzja li l-proprjeta' in kwstjoni hija effettivament proprjeta' tar-rikorrenti.

Rat il-verbali fl-atti.

Rat il-verbal tal-lum stess fejn il-partijiet infurmaw lill-Qorti illi l-intimat Sandro Grech gia vvaka l-fond in kwistjoni u l-intimata Ladislava Grech tehtieg zmien tlett (3) xhur sabiex tivvaka mill-fond.

Rat ukoll li l-partijiet qablu li tinghata sentenza f'dan is-sens filwaqt li din il-kawza tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

Illi mill-atti kollha jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata w'ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza kif isegwi:

(i) Tilqa' l-ewwel talba u tiddeciedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ skont l-artikolu 167 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati qeghdin jokkupaw il-fond "Palm Springs", Flat No. 3, Triq Francesco Ximenez (gja Salina Coast Road), Salina limiti tan-Naxxar proprjeta' tar-rikorrenti minghajr ebda titolu validu fil-ligi; u

(iii) Tilqa' t-tielet talba u tordna l-izgumbrament tal-intimati minn dan l-istess fond fi zmien massimu ta' tlett (3) xhur.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**18 ta' Ottubru 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**18 ta' Ottubru 2023**